MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2010

Numru 1103/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**vs**

**STEFAN CUTAJAR**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Stefan Cutajar ta’ 24 sena iben Joseph u Maria Iris nee’ Cassar, imwieled Pieta nhar is-16 ta’ April 1984, residenti gewwa, Plot 4 Maisonette 1, Triq ta’ l-Azjar, Safi, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru: 203984M;

Gie akkuzat talli:

1. Nhar id-19 ta’ Mejju 2007, f’xi hin wara nofsinhar, gewwa Ghajn Tuffieha, Mgarr ikkommetta serq ta’ stereo minn gewwa vettura bin-numru ta’ registrazzjoni KAI386 ghad dannu ta’ Walter Muscat, liema serq huwa aggravat bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe’ hsara fil-vettura KAI386, liema hsara taqbez mija u sittax -il euro u sebgha u erbghin centezmu (Eur 116.47) izfa mhux elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (Eur 1164.69);

3. U aktar talli fil-lejl bejn l-14 ta’ Ottubru 2008 u l-15 ta’ Ottubru 2008, gewwa Triq Filippu Farrugia, Zurrieq, ikkommetta serq ta’ stereo minn gewwa vettura bin-numru ta’ registrazzjoni FBO981 ghad dannu ta’ Alan Azzopardi, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u  tletin euro u erbgha u disghin centezmu (Eur 232,94) izda ma jaqbizx elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (Eur 2329.37), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe hsara fil-vettura FBO981, liema hsara taqbez mija u sittax -il euro u sebgha u erbghin centezmu (Eur 116.47) izfa mhux elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (Eur 1164.69);

5. U aktar talli nhar l-20 ta’ Ottubru 2008, bejn l-16:00 hrs u nofs il-lejl, gewwa Triq Hal Far, Birzebbugia, ikkommetta serq minn gewwa vettura bin-numru ta’ registrazzjoni OGT015 ghad dannu ta’ David Barbara, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u  tletin euro u erbgha u disghin centezmu (Eur 232,94) izda ma jaqbizx elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (Eur 2329.37), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq

hwejjeg haddiehor, u cioe hsara fil-vettura OGT015, liema hsara taqbez mija u sittax -il euro u sebgha u erbghin centezmu (Eur 116.47) izfa mhux elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (Eur 1164.69);

7. U fl-ahhar nett akkuzat bi ksur tal-Probation a tenur ta' l-Artikoli 7 u 22 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikoli.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhal Dok DCZ1 u li jinsab a fol. 26 tal-Process u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv is-seba' akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv is-seba' akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-Prosekuzzjoni qeghda tirtira is-seba' akkuza migjuba kontra l-imputat.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li hu konsapevoli li l-imputat issa qabad it-triq it-tajba u li qieghed jinghata assistenza professjonali dwar l-abbuz mid-droga u konsegwentement iddikjara li f'dan il-kaz ma tkunx idonea piena ta' prigunerija effettiva.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr Gianella Caruana Curran u Dr Stephen Tonna Lowell ghall-imputat iddikjaraw li jaderixxu ghal dak verbalizzat mill-Ufficjal Prosekutur.

F'dan l-istadju taghmel referenza ghad-deposizzjoni li tat fis-Seduta tallum ix-xhud Vicky Scicluna prodotta mill-imputat fejn din ix-xhud qalet: "Jiena rapprezentanta fil-Qorti tal-Agenzija Sedqa. Nixtieq nipprezenta nota tal-Agenzija Sedqa li tirrigwarda lil Stefan Cutajar li qed naghrfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla. Dina n-nota qeghda tigi esbita u mmarkata bhala dok VS 1. Niddikjara illi l-imputat jiena nafu fil- mansjonijiet tieghi fix-xoghol tieghi mas-Sedqa u naf illi dana ghamel progress sostanzjali mill-abbuz mid-droga u jidher li huwa qabad it-triq it-tajba u konsegwentement jien ukoll nikkonferma il-kontenut tan-nota li ghadni kif esebejt illum bhala dok VS 1."

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 261(b), (c), (f) u (g), 263, 267, 270, 271(g), 278, 279, 280 u 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Stefan Cutajar, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv is-seba' akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi dak li qalet ix-xhud Vicky Scicluna fid-deposizzjoni taghha moghtija fis-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-kontenut tad-Dok VS1 esebit illum mix-xhud Vicky Scicluna u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li hu konsapevoli li l-imputat issa qabad it-triq it-tajba u li qieghed jinghata assistenza professjonali dwar l-abbuz mid-droga u konsegwentement iddikjara li f'dan il-kaz ma tkunx idonea piena ta' prigunerija effettiva, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Stefan Cutajar ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba'

(4) snin millum l-imputat Stefan Cutajar jikkommetti reat iehor punibli bi prigunerija.

Rigward is-seba’ akkuza migjuba kontra l-imputat Stefan Cutajar din l-akkuza giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lill-imputat Stefan Cutajar sabiex fi zmien sitt (6) xhur millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta’ disa’ mija u sitta u erbghin Euro u hmistax (15) il-centezmi ta’ Euro (Euro 946.15) rappresentanti spejjez inkorsi bin-nomina tal-espert Joseph Mallia f’din il-kawza.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Stefan Cutajar l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------